**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 18 ta' Jannar, 2019**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Wadea Al Maghrbi**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Wadea Al Maghrbi detentur tal-karta tal identita bin numru 144366A u akkuzat talli:

1. Fi zmien bejn il-15 ta' Gunju 2017 u l-25 t' Awwissu 2017 f' Malta, xejntement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat u cioe' mutur bin-numru ta' registrazzjoni EBM456 jew xjentement b' kull mod li jkun, indahal biex ibiegh jew imexxieh;
2. U aktar talli nhar il-25 t' Awwissu 2017 u/jew fil-jiem ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, ircieva passaport li gie trasferit lilu minn persuna ohra;

3. U aktar talli bejn il-25 u s-26 t' Awwissu 2017, ghamel uzu jew ittenta jaghmel uzu minn passaport mahrug lil persuna ohra;
4. Akkuzat ukoll talli bejn is-26 t' Awwissu, 2017 u s-17 ta' Jannar 2018 kiser wahda jew iktar mill-kundizzjonijiet impost fuqu b' digriet ghal-helsien mill-arrest, akkordati lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D. nhar it-23 ta' Frar, 2016, liema kundizzjonijiet inghatawlu kontra depozitu ta' €2,000 u garanzija personali ta' €13,000

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija, flimkien mal piena skond il-ligi, tordna r-revoka tad-digriet li bih Wadea Al Maghrbi inghatat il-beneficcju tal-helsion mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi nputat, kif ukoll tordna li l-ammont ta' €15,000 jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 17 ta' Jannar, 2018 (esebit a fol. 2 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-18 ta' Jannar, 2019 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li l-Prosekuzzjoni nfurmat lil Qorti li b' referenza ghal imputazzjoni numru 4 il-kawza giet deciza u giet prezentata kopja tas-sentenza relattiva u ghalhekk il-kundizzjoni tal-helsien mill-arrest m' ghadhomx in vigore.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 334(a), 279(c) u 579(2) u (3) tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 3 u 4 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija.

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**